PDF Compressor Pro





*Waqt il-Kunċert mill-Banda Mnarja fi Pjazza Dun Martin Camilleri*

# *Kunċert Sinfoniku 'Big Band Adventures'*

Is-Soċjetà Filarmonika Mnarja tellgħet il-Kunċert Mużikali Annwali tagħha fi Pjazza Dun Martin Camilleri, in-Nadur. Il-Banda, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Grech, daqqet ħdax il-biċċa mużikali fejn uriet il-kapaċitajiet tagħha u tal-bandisti Nadurin.

L-ewwel parti tal-kunċert kienet tinkludi diversi siltiet fosthom, *Overture – The Marriage of Figaro, Selection – Capriccio Espagnol, Medley – Italian Holiday, Concert March – The Great Escape, Main Theme – The Last of the Mohican*s, Silta umoristika bl-isem ta' '*The Typewriter*'.

Fit-tieni u l-aħħar parti tal-kunċert il-Banda Mnarja daqqet siltiet popolari, medleys u mużika pop kif għamlet matul dawn l-aħħar 20 sena. Dawn kienu jinkludu, *Medley - Big Band Spectacular, Selection - The Golden Age of Broadway u Medley - Movie Spectaculars.* Il-Kunċert ġie fi tmiemu *b'medley - Greatest Hits of the 80's.*

Il-Kunċert kien taħt il-Patroċinju tal-Eċċ Tiegħu Mons Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu għal Malta. Matul dan il-kunċert is-Segretarju Parlamentari l-Avukat Chris Said, Joe Buttigieg u Joseph Zerafa kienu onorati bħala Presidenti Onorarji tas-Soċjetà Filarmonika Mnarja.

Għal dan il-kunċert attendew diversi personalitajiet fosthom il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Sindku tan-Nadur, Miriam Portelli u l-Kunsilliera, membri tal-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Mnarja kif ukoll folla mdaqqsa li mliet il-pjazza Dun Martin Camilleri.



*Il-grupp fuq il-palk f'Pietrarosa ftit ħin biss qabel beda l-musical 'Alice in Wonderland'*

# Tieħu sehem f'festival tad-drama

Il-*Gozo College* Skola Primarja Rabat bejn it-Tnejn u l-Ħamis 18 u 21 ta' Lulju, ħadet sehem fil-festival tad-drama li ta' kull sena jittella' ġewwa Pollina Sqallija bħala parti mill-proġett *Comenius Regio.* Din kienet l-għaxar edizzjoni ta' dan il-festival bl-isem ta' '*Un teatro per la scuola le scuole per un teatro'* u saret fit-teatru ta' Pietrarosa. L-istudenti tal-*Year 6* tellgħu l-*musical* '*Alice in Wonderland'*.

Akkumpanjaw lit-tfal il-Prinċipal tal-Kulleġġ ta' Għawdex Chev. Frank Gatt, il-Kap tal-Iskola Anita Sciberras, l-Assistent Kap Lelio Spiteri, l-għalliem tad-drama George Mizzi u l-għalliema Noel Cremona, Francelle Sciberras, Ann Marie Caruana u Christabelle Attard. It-tfal ħadu sehem ukoll fil-festa tal-isport li saret ġewwa Finale. Bla dubju din kienet esperjenza indimentikabbli għal dawn it-tfal.



*Fabrizio Farrugia, il-kap tat-tim rebbieħ, bit-trofew wara li spiċċa l-festival sportiv*


## Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**
***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***


## *MINN GĦAWDEX* *ma' Charles Spiteri*





*Mons. Isqof Grech waqt l-omelija tal-okkażjoni. Il-Provinċjal Patri Manwel Barbara jidher fuq in-naħa tax-xellug, waqt li fuq in-naħa tal-lemin jidher il-Gwardjan Patri Karm Dimech*

# Restawr tal-Artal Maġġur u tat-Tabernaklu

Nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Lulju, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, ħa sehem f'ċelebrazzjoni speċjali fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, r-Rabat, Għawdex. Mgħejjun mill-Provinċjal Patri Manwel Barbara OFM Kap. u mill-Gwardjan Patri Karm Dimech OFM Kap. huwa kkonċelebra quddiesa solenni u matulha bierek l-Artal Maġġur li ġie rrestawrat dan l-aħħar, u ġarr u poġġa s-Santissimu Sagrament fit-Tabernaklu.

L-Artal Maġġur u t-Tabernaklu huma xogħol tal-irħam tat-tmintax-il seklu. Madwar l-1968, ftit żmien wara l-Konċilju Vatikan 2, l-Artal Maġġur kien inqala' minn postu u minfloku nbena artal mejda ġdid biex jagħti lill-presbiterju tas-Santwarju dehra aktar taqbel mal-forma ġdida tal-Liturġija ta' dawk is-snin. It-Tabernaklu tpoġġa fil-kappella laterali tal-Kurċifiss Mirakoluż. Fortunatament, ħafna mix-xogħol antik tal-irħam ma tkissirx u kien miżmum f'kamra fil-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini.

Għalkemm l-idea kien ilha tberren, id-deċiżjoni li l-artal maġġur ikun restawrat ittieħdet matul is-sena li għaddiet. Xi benefatturi malajr wiegħdu kull għajnuna finanzjarja u għalhekk, Ronnie Pisani ġie nkarigat bix-xogħol tar-restawr, xogħol li huwa lesta f'April li għadda.

B'dan ir-restawr, l-Artal Maġġur u t-Tabernaklu reġgħu ngħataw il-post u l-glorja li jixirqulhom f'nofs il-presbiterju tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja.



*Mons. Isqof Mario Grech jinċensa s-sagrament fit-tabernaklu tal-artal maġġur.*



*Il-Kor Fjur t'Assisi, taħt id-direzzjoni ta' Marita Cassar, ta ukoll is-sehem tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, b'kant mill-isbaċ, biex kompla kabbar il-funzjoni*